Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Tista' ssib dawn il-fuljetti utli meta:

- Qed tfittex għal faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ta' kwalità għolja
- Qed tirrevedi l-kwalità tal-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani attwali tiegħek
- Qed tiddeċiedi bejn żewġ faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani li jidhru simili.

Huwa importanti li fost l-impjegati jkun hemm biżżejjed infermiera rreġistrati b'ħiliet differenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kulħadd. Għandek tistaqsi mistoqsijiet dwar kif il-ħtiġijiet tal-kura individwali tiegħek se jintlaħqu.

Ħafna impjegati jilbsu uniformijiet simili. Sempliċement għax xi ħadd jidher qisu infermier ma jfissirx li huma hekk. Dawn huma d-differenzi:

**Infermiera Reġistrata (RN)** għamlet minimu ta' tliet snin kors ta' Bachelor of Nursing. Jistgħu jwettqu proċeduri ta' infermiera, jimmaniġġjaw medikazzjoni għall-uġigħ u jgħinu biex jipprevjenu dħul bla bżonn fl-isptar.

**Infermier Enrolled (EN)** jaħdem taħt id-direzzjoni ta' RN. It-tnejn huma rreġistrati minn korp regolatorju. Ir-reġistrazzjoni tiżgura li l-istandards professjonali jinżammu u tipproteġi lill-pubbliku.

**Assistenti tal-Infermiera (AIN) / Care Workers / Impjegati tas-Servizz tal-Kura (CSE)** jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-infermiera, u jipprovdu l-maġġoranza tal-kura f'faċilitajiet residenzjali u fil-komunità. Il-livell ta' taħriġ tagħhom huwa varjabbli.

Diċembru 2022

## HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

L-aħjar mod biex issib faċilità residenzjali għall-kura tal-anzjani li taqbel għalik huwa li żżur xi ftit minnhom. Biex issib dawk fil-lokal tiegħek, jew għal aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani ikkuntattja lil: **My Aged Care**

**1800 200 422** **myagedcare.gov.au**

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li m'hux kopert f' dan il- fuljett:

**Servizz tad-Drittijiet tal-Anzjani** **1800 424 079**

Australian Government
Department of Veterans' Affairs

**www.dva.gov.au**
**1800 VETERAN (1800 838 372)**

OPEN ARMS
Veterans & Families Counselling

**www.openarms.gov.au**
**1800 011 046**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

NSW Nurses & Midwives' Association · RSL Care SA · TPI · Seniors Rights Service · Geriatric Medicine NSW Division · CPSA Combined Pensioners & Superannuants Association · OWN · MCCI · Health Consumers NSW · QACAG · Australian Nursing & Midwifery Federation

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar il-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

1800 951 822

**www.agedcarequality.gov.au**



# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR

## BŻONNIJIET TAL-VETERANI FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

## (VETERAN - MALTESE)

NSW Nurses & Midwives' Association · RSL Care SA · TPI

**www.10questions.org.au**

## 1 Hemm attivitajiet soċjali li jgħaqqduni mal-komunità li kienu fis-servizzi?

Iċċekkja kemm veterani bħalissa jgħixu hemm u kif l-impjegati iħeġġu lill-veterani biex jingħaqdu soċjalment, inklużi żjarat mill-komunità li kienu fis-servizzi. Staqsi jekk avvenimenti kommemorattivi bħal ANZAC Day humiex onorati u jekk tistax tattendi avvenimenti esterni. Jekk Uffiċjal tal-Benesseri tal-Veterani jew voluntiera ma jistgħux jipprovdu trasport, iċċekkja jekk l-impjegati jistgħux jakkumpanjak, u jekk tridx tħallas żejjed għal dan.

## 2 Kemm impjegati jew voluntiera huma veterani jew membri tal-komunità veterana?

Idealment għandhom jiġu impjegati veterani u/jew membri mill-komunità veterana rilevanti għaċ-ċirkostanzi individwali tiegħek, u/jew voluntiera jew organizzazzjonijiet ta' min kien fis-servizz konnessi mal-faċilità. Iċċekkja li hemm xi ħadd li jista' jappoġġjak biex iżżomm l-identità veterana individwali tiegħek.

## 3 Nista' nġib l-apparat jew tagħmir ta' għajnuna ta' riabilitazzjoni apposta tiegħi li ksibt permezz tal-Programm ta' Tagħmir għar-Riabilitazzjoni (RAP) tad-DVA?

Jista' jkun li diġà għandek apparat u tagħmir ta' għajnuna ipprovduti lilek taħt ir-RAP. Jekk iva, tista' tkun kapaċi li ġġib dawn l-oġġetti miegħek meta tiċċaqlaq fil-faċilità. Ta' min jiċċekkja minn qabel liema oġġetti tista' ġġib għax xi wħud jistgħu jkunu diġà pprovduti.

## 4 Kif se tappoġġja l-identità veterana tiegħi?

Ħares madwarek biex tara jekk hemmx memorabilia u oġġetti militari għall-wiri u staqsi jekk tistax iġġib oġġetti mid-dar tiegħek stess biex tippersonalizza l-kamra tiegħek. Jekk ma tħossokx sigur li turi ritratti u medalji fil-kamra tiegħek, ikkunsidra li minflok turi repliki. Kun żgur li s-servizz militari tiegħek huwa inkluż fil-pjan ta' kura tiegħek sabiex l-impjegati jkunu jafu l-istorja individwali tiegħek.

## 5 Kif se tappoġġja l-identità veterana tiegħi fi tmiem il-ħajja?

L-impjegati għandhom jiżguraw li kwalunkwe sfond militari u l-preferenzi li tixtieq taqsam jiġu kkunsidrati fl-aħħar tal-ħajja u rreġistrati f'Direttiva dwar il-Kura bil-Quddiem*. L-impjegati jistgħu jinbidlu ta' spiss u għalhekk kun żgur li dan id-dokument huwa magħruf sew ma' dawk kollha li jieħdu ħsiebek.

## 6 Kif se tappoġġjani biex nitlob l-intitolamenti finanzjarji kollha tiegħi?

Iċċekkja li l-impjegati jafu dwar is-suppliment tal-veterani u kif dan jista' jintuża biex jappoġġja l-bżonnijiet tas-saħħa mentali u fiżika tiegħek. Xi servizzi jistgħu jkunu eżentati mill-intitolamenti tiegħek u hu importanti li l-impjegati jkunu jafu x'tista' u ma tistax titlob biex tevita li jkollok tħallas ħlasijiet mhux mistennija.

## 7 Kif se nkun naf liema spejjeż se jkolli nħallas minn buti?

L-impjegati u l-maniġment għandhom jispjegawlek kwalunkwe spiża addizzjonali, għax xorta jista' jkollok bżonn tħallas għal xi servizzi jew affarijiet addizzjonali. L-aħjar ħaġa hu li tifhem x'inhuma dawn qabel ma tidħol u għandhom jiġu ddikjarati b'mod ċar fil-kuntratt tal-kura tal-anzjani tiegħek. Għal informazzjoni dwar ħlasijiet żejda, kuntratti u tariffi, irreferi għal fuljetti oħra f'din is-serje.

## 8 Kif se żżomm il-preferenzi u d-dinjità tiegħi?

Int għandek id-dritt li tagħmel għażliet dwar kif tqatta' l-ħin tiegħek, kif trid li tingħata l-kura tiegħek, u minn min. Il-kura tiegħek m'għandhiex tkun iddeterminata mir-rutina tal-faċilità jew nuqqasijiet ta' impjegati. Kun żgur li l-preferenzi tiegħek huma miktuba fil-pjan tal-kura tiegħek u fid-Direttiva tal-Kura bil-Quddiem. Għandek tingħata kopja tal-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani biex iżżommha.

## 9 Il-GPs li jżuru l-faċilità għandhom esperjenza mal-klijenti tad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Veterani (DVA)?

Iċċekkja jekk it-tabib tiegħek jistax ikompli jieħu ħsiebek. Il-GPs għandhom preferibbilment ikollhom xi esperjenza jew sensittività lejn il-ħtiġijiet tas-saħħa mentali u fiżika tal-veterani, speċjalment jekk iżuru l-faċilità regolarment. Iċċekkja li huma familjari ma' servizzi addizzjonali offruti mid-DVA sabiex ikunu jistgħu jirreferuk għall-firxa sħiħa ta' servizzi xierqa bħal servizzi alleati tas-saħħa.

## 10 Kif tappoġġja lis-saħħa mentali tal-veterani?

L-impjegati għandhom jiġu mħarrġa biex jagħrfu il-PTSD u jipprovdu kura infurmata dwar it-trawma. L-impjegati jistgħu jinbidlu ta' spiss għalhekk iċċekkja li l-impjegati kollha jirċievu taħriġ meta jibdew l-impjieg, u li jiġu aġġornati regolarment. Iċċekkja liema pariri u kura tas-saħħa mentali huma pprovduti fil-faċilità. Iċċekkja wkoll jekk l-impjegati jafu kif jirreferu carers u membri tal-familja ta' veterani għal servizzi ta' pariri, inkluż Open Arms – Pariri għall-Veterani u l-Familji, jekk ikun meħtieġ.

---

*Direttiva dwar il-Kura bil-Quddiem tiddeskrivi l-preferenzi tiegħek għall-kura futura tiegħek flimkien mat-twemmin, il-valuri u l-għanijiet tiegħek. Tista' wkoll taħtar formalment membru tal-familja jew persuna nominata għal meta ma tkunx tista' tieħu deċiżjonijiet int stess. Id-Direttivi dwar il-Kura bil-Quddiem ivarjaw bejn l-istati u t-territorji. Tgħallem aktar dwar direttivi fl-istat jew it-territorju tiegħek: **www.advancecareplanning.org.au**